# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 86**

**Citaz. Nru. 1996/96GV**

**Doc. Nru. 55-01**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Paolo Bonnici Limited**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm3,450) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghall-fornitura u stallazzjoni ta' '*refrigeration units*' skond il-fattura numru 001701 tal-24 ta' Awissu, 1996;

Premess illi s-socjeta' konvenuta, ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, baqghet inadempjenti;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm3,450) bhala bilanc minn somma akbar dovuta kif fuq spjegat u kif jidher mill-fattura ezibita

(Dok. A);

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Frar, 1996 u tal-Mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 9 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' attrici baqghet inadempjenti billi x-xoghol ma tlestiex u fi bnadi ma sarx skond is-sengha u l-arti, tant li s-socjeta' esponenti sofriet danni u pprocediet b'citazzjoni (Citazzjoni numru 2020/96 NA) fl-ismijiet inversi presentata fit-13 ta' Gunju, 1996) ghall-dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-appalt u ghad-danni;

Salvi dejjem ecezzjonijiet ohra.

Rat in-nomina tal-espert Charles Cuschieri a fol. 29;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi espert a fol. 30;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm3,450 bhala bilanc ta' somma akbar dovuta fuq fornitura u stallazzjoni ta' *refrigeration units* skond fattura numru 001701 datata 24 ta' Awissu, 1996

Dok A a fol. 4.

## ECCEZZJONIJIET

Il-konvenuti eccepew li: is-socjeta' attrici baqghet inadempjenti billi x-xoghol ma tlestiex; u fi bnadi ma sarx skond is-sengha u l-arti; tant li s-socjeta' eccipjenti sofriet danni u ghamlet citazzjoni Numru 2020/96GV ghad-dikjarazzjoni tax xoljiment tal-appalt u ghad-danni.

## NOMINA PERIT TEKNIKU

Il-Qorti kienet nominat espert tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti. L-espert kien pprezenta ir-rapport tieghu (ara fol. 30 et seq).

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-espert nominat eleneka l-*items* li dwarhom hemm kontestazzjoni.

***Digital display* fl-istores u *digital readout* fl-ufficcju**

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenuti li s-socjeta' attrici baqghet inadempjenti billi ma lestietx ix-xoghol u specifikatament li ma lestietx id-***digital display* fl-istores u *digital readout* fl-ufficcju**, l-atturi ssottomettew li dawn kienu tlestew izda ma bdewx jaghtu *readings* tajba minhabba d-distanza li fiha twahhlu. Huma kkonfermaw li baqghu sa l-ahhar joffru lill-konvenuti li jibdluhom taht garanzija basta l-konvenuti jhallsu l-bilanc li kien dovut. Billi l-konvenuti ma kienux irrispondew, huma pprocedew bil-kawza.

Dwar din il-kwistjoni l-perit imqabbad minn din il-Qorti kkonkluda li fil-fatt

dawn kienu saru u dan jirrizulta minn diversi dokumenti elenkati u anke mill-access li sar fejn hu ra dan l-apparat. Xi zmien wara li tlesta dan ix-xoghol, it-*temperature indicators* ma kienux qed jaqraw it-temperatura korretta. Dawn ma kienux it-*temperature indicators* li kien hemm fil-*cold rooms* li kienu jahdmu tajjeb imma dawk li twahhlu fejn l-ufficini biex ikunu jistghu jiccekkjaw ir-*readings*. Skond il-perit kien hemm nuqqas da parti ta' l-atturi li ma hadux azzjoni iktar kmieni meta l-konvenuti kienu gibdulhom l-attenzjoni li dan l-apparat ma kienx qed jahdem tajjeb u l-offerta' li saret lill-konvenuti mill-atturi kienet saret tard wisq. Il-valur ta' dawn it-*temperature indicators* gie stmat mill-perit li ma hux aktar minn Lm250 u dawn ghalhekk ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut lill-atturi.

Meta l-perit gie eskuss hu wiegeb li ma jahsibx li l-fatt li dawn ma kienux qed jaghtu *faithful reading* kien nuqqas gravi, tant hu hekk li ghal tlett snin is-socjeta' konvenuta hallithom hemm u ma bidlithomx. Huma baqghu jisservew bihom.

**Xoghol ta' *refurbishment* fuq it-truck Dodge U 9369**

Il-konvenuti semmew ukoll li x-**xoghol ta' *refurbishment* fuq it-truck Dodge U 9369** ma kienx sar. Rigward dan l-espert ikkonkluda li x-xhieda ta' Victor Cassar hija l-aktar wahda kredibbli u fil-fatt ix-xoghol sar fil-bidu ta' l-appalt. Imbaghad it-truck kien gie mibjugh qabel sar l-access.

**Il-konvenuti eccepew ukoll li fi bnadi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.**

**Il-kompressuri**

Dwar **il-kompressuri** l-konvenuti qed jallegaw li fi zmien qasir ta' sena u nofs inharqu erbgha (4) kompressuri u dan ghaliex ma twahhlux skond is-sengha u l-arti. Fuq dan, l-espert qal li l-ispjegazzjoni ghaliex kienu qed jinharqu l-kompressuri ma kinitx minhabba l-*voltage surges* li semmew

l-atturi izda minhabba s-*single phasing*. Dan kien irrizulta ghax wiehed mill-*fuses* tat *three phase supply* ta' l-elettriku fuq is-sistema antika li kellhom il-konvenuti kien jinqata' u ghalhekk il-muturi kienu jkomplu jahdmu fuq zewg *phases*. Skond il-perit din hi kawza komuni hafna fi hsara li ssir fuq muturi. Il-hsara ma kelliex x'taqsam max-xoghol li ghamlu l-atturi. Il-*voltage stabiliser* ma kienx ser isolvi l-problema tas-*single phasing*. Il-fatt li kien imur il-*fuse* tas-*supply* ta' l-elettriku tal-konvenuti kien purament responsablita' tal-konvenuti. Nonostante dan l-atturi kienu jaghmlu t-tiswijiet necessarji.

Meta gie eskuss il-perit wiegeb li ghalinqas kompressur wiehed minn dawk li nharqu kien mqabbad mas-sistema antika tal-*fuses* u ghalhekk ir-raguni tas-*single phasing* kienet possibili hafna.  Ir-relazzjoni tirreferi ghall kompressur wiehed li certament inharaq minhabba *single phasing* u dan skond ix-xhieda ta' Victor Cassar.  Lanqas ma hi fattwali li ma kienx hemm hsara qabel fuq din is-sistema billi kien inbidel kompressur tat-tip Blitzer ma tip Dorin fuq is-sistema antika ghax dak ta' qabel kien inharaq. Anke l-kompressur il-gdid inharaq u rega' nbidel. Kien hemm *equipment* li gralu hsara (ara rapport konkluzzjoni 23). Il-*voltage* imkejjel ta' 424V, 431V u 424V huwa fir-*range* ta' *voltage* li jista' jahdem fih il-mutur tal-kompressur  u dan minghajr hsara.

**Il-bozoz tal-*cold room***

Dwar **il-bozoz tal-*cold room*** il-perit qal li l-problema tal-*lighting* hija fis-sens li lampa tat-tip *incandescent* ghandha *lifetime* qasir u kull meta tmur trid tinbidel. Il-*lifetime* tal-lampa ma hux dipendenti mill-installazzjoni. L-ideja tad-*delay timers* li ssuggerew l-atturi kienet wahda tajba izda din qatt ma giet milqugha mill-konvenuti.

Dawn kienu l-konkluzzjonijiet teknici li wasal ghalihom il-perit. Il-konvenuti pero' qed jinsistu li legalment it-talbiet ta' l-atturi ma jistghux jigu milqugha billi huma inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-appalt. Il-konvenuti ssottomettew li

f'dan il-kaz tapplika l-***ecceptio non rite adempleti contractus***.

Fis-sentenza moghtija fl-24 ta' Jannar, 1975 fil-kawza Mallia vs Fonk, il-Qorti ta' l-Appell wara li qalet li skond ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz il-Qrati taghna kellhom okkazzjoni jippronunzjaw ruhhom diversament dwar kwistjonijiet ta' din in-natura, tenut kont tal-fattispecie tal-varji kazi u iccitat sentenzi li akkordaw riduzzjoni fil-prezz dovut lill-appaltatur u ohrajn fejn it-talba ghall-hlas tal-prezz giet michuda bhala imtempestiva.

Din is-sentenza ma stabilitx regola assoluta li fi kwalunkwe kaz, anke f'kazi ta' difetti ta' entita' zghira, konsidrat ix-xoghol li jkun sar, l-appaltatur m'ghandux dritt ghall ebda hlas qabel ma jsewwi u jirrimedja d-difetti. F'kull kaz wiehed ghandu jara sewwa c-cirkostanzi partikolari.

Fil-kawza Angelo Busuttil vs Pio Fedele et deciza mill-Prim'Awla fid-9 ta' April, 1968 Imhallef M. Caruana Curran, il-Qorti kienet qalet li fil-hajja komuni huwa facili li wiehed jghid li m'ghandux ihallas ghax ix-xoghol ma jkunx tajjeb u mhux skond l-arti u s-sengha, izda fil-prattika legali, fejn ma tistax tkun superficjali u tiggeneralizza wisq, trid tidhol sew fil-qalba tal-kwistjoni li hija l-prova tad-difetti fl-esekuzzjoni tal-appalt. Spiss dina tipprezenta diffikulta dwar liema soluzzjoni ghandha tigi adoperata cioe' jekk hux ir-rigett tad-domanda ghal-hlas minhabba inadempjenza tal-appaltatur jew l-alternativa ta' pagament b'giusta riduzzjoni.

Dik il-Qorti kienet segwiet il-gwida u l-insenjamenti prattici, u fl-istess hin guridikament precizi, li kienu jinsabu fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc, moghtija fid-9 ta' Marzu, 1939, fil-kawza fl-ismijiet: Robert Micallef vs Joseph Mamo proprio et noe u pubblikata fil-Koll. Vol. XXX, III, p. 433. Skond dak il-precedent, bazat fuq il Vitalevi (Appalto di Opere e Lavori),

'il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali li huwa dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement

meta d-difetti fl-esekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni jinsab fl-ezami jekk ix-xoghol, kif jirrizulta, jkunx affett jew le minn vizji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata minn natura stess tax-xoghol, waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti, pero' jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni

Fil-kaz in ezami l-unika haga li l-perit tekniku sab li l-atturi kienu responsabbli ghaliha kienet li d-*digital display* fl-istores u *digital readout* fl-ufficcju li ma bdewx jaghtu *readings* tajbin. Dan id-difett ma jistax jigu kwalifikat bhala sostanzjali b’mod li jippriva l-haga mill-iskop jew l-utilita’ taghha.

Il-Qorti hi tal-fehma li f’dan il-kaz, din l-eccezzjoni ma tapplikax billi l-ammont li l-perit tekniku kkonkluda li l-atturi ghandhom jaghtu lill-konvenuti hu minimu komparat mal-valur tal-appalt cioe’ Lm250 minn appalt ta’ Lm33,500. Dan apparti l-fatt li l-atturi kienu f’xi zmien offrew li jibdlu t-*temperature indicators* li ma kienux jahdmu sew u li l-konvenuti zammew l-apparat ghandhom u ilu ghandhom ghal hafna snin.

Il-konvenuti mhux qed jitolbu fic-citazzjoni (2021/96) li l-atturi jsewwulhom izda li jigi xjolt l-appalt u danni. Ghalhekk meta tqies ic-cirkostanzi fuq imsemmija u din ic-cirkostanza mhux li kemm tghid li jigi xjolt l-appalt u mhux li jsewwu d-difetti jew jitnaqqsilhom ammont mill-prezz li qed jitolbu.

Mill qbija l-Qorti f’kwistjoni teknika bhal ma hija x’ikkawza hsara fil-kompressuri u apparat iehor il-Qorti ma jidhirlix li tista’ ma taccettax l-opinjoni teknika tal-espert minnha nominat u ghalhekk ghandha tadotta r-relazzjoni tieghu billi tiddikjara li d-difetti kienu sekondarji u li ghalihom

il-perit ghamel id-debita *allowance*.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici ghas-somma ta’ Lm3,200 u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi dan l-ammont; bl-imghax u bl-ispejjez, kwantu ghal 1/10 ghall-atturi u 9/10 ghall-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**